22 ta' Awissu, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonia Zammit *versus* Edgar Zammit

**Separazzjoni Personali — Alimenti Provviżorji — Art. 54 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni personali, il-mara għandha dritt għall-alimenti provviżorji skond il-bżonnijiet tagħha u skond il-mezzi tar-raġel, mingħajr ma ssir għall-mument ebda indaġini fuq ir-raġjonevolezza tal-motivi li għalihom tkun mitluba s-separazzjoni.*

*Dan id-dritt tal-mara huwa suġġett għall-kondizzjoni illi hija ma tirrifjutax li tmur toqgħod fil-lok li jiddestinalha żewġha, jekk ma jkollhiex raġuni tajba biex tirrifjuta.*

*Imma dana d-dritt tar-raġel, li jassoġġetta l-ħlas ta' l-alimenti provviżorji għal dik il-kondizzjoni, ma għandux jiġi eżerċitat b'mod illi b'daqshekk tiġi mposta lill-mara sofferenza morali f'mument li hija tkun priva mill-assistenza u l-konsorzju ta' żewġha. Fil-każ preżenti ġie ritenut li din is-sofferenza morali kienet tiġi kaġunata lill-mara; u għalhekk dik il-kondizzjoni mposta mir-raġel ġiet dikjarata inattendibili.*

*L-alimenti provviżorji ma humiex retroattivi, imma huma dovuti mill-jum li fih jiġu akkordati mill-Qorti.*

Il-Qorti — Fuq it-tieni domanda għall-alimenti "pendente lite";

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi skond l-art. 54 Kodiċi Ċivili, Kap. 23, il-mara miżżewġa, attriċi jew konvenuta, għandha dritt għall-alimenti provviżorji "pendente lite" skond il-bżonnijiet tagħha u skond il-mezzi tar-raġel; u hu prinċipju mhux dubitat tal-ġurisprudenza illi l-mara għandha dan id-dritt mingħajr ma jeħtieġ illi għall-mument ssir ebda indaġini fuq ir-raġjonevolezza tal-motivi li għalihom tkun mitluba s-separazzjoni (ara deċiżjoni Prim'Awla 8 ta' Ġunju 1875, "Stivala utrinque");

Illi, skond l-artikolu fuq ċitat, id-dritt tal-mara fuq imsemmi hu suġġett għall-kondizzjoni illi hija ma tirrifjutax li tmur

toqgħod fil-lok destinat minn żewġha, ammenokkè ma jkollhiex kawża ġusta biex tirrifjuta;

Illi fil-każ preżenti nqalgħet appuntu din il-kwistjoni; għaliex, għalkemm fir-risposta tiegħu fol. 8 il-konvenut iddikjara ruħu pront li jagħti lill-attriċi martu l-pensjoni alimentarja ta' £2 fil-ġimgħa, u li jħallas il-kera tal-post li sejjer jissemma, hu assoġġetta din l-offerta għall-kondizzjoni illi l-attriċi tmur toqgħod fl-appartament nru. 4, no. 1 St. Mary Street, Tignè, Sliema;

Illi l-attriċi tallega *illi għandha raġuni ġusta* biex ma tmurx għal issa toqgħod fil-post fuq imsemmi, minħabba illi l-"block" tal-flats għadu fil-kors ta' kostruzzjoni u l-lokalità hija diżabitata;

Illi għalhekk hija neċessarja l-indaġini jekk hemmx jew le kawża ġusta biex l-attriċi ma tmurx toqgħod, almenu għal issa, fil-post fuq imsemmi. Jekk il-motiv tar-rifjut tagħha ma hux ġust, allura hija ma għandhiex dritt għall-manteniment provviżorju dment li ma tmurx fi-post; jekk il-motiv hu ġust, allura l-kondizzjoni li għamlilha l-konvenut żewġha ma hix attendibili, u jibqa' sħiħ favur tagħha d-dritt għall-manteniment provviżorju;

Ikkunsidrat fuq dan il-punt;

*Omissis*;

Illi mill-aċċess irriżulta illi għalkemm l-appartament partikulari hu komplut minn kollox ħlief is-servizz elettriku, b'danna kollu, fil-kumplament tal-"block" mhux indifferenti ta' 34 appartament jista' jingħad tajjeb, bi frażi klassika, illi "fervet opus". Għad hemm *infatti x-xogħlijiet f'kors ta' kostruzzjoni*, hemm konkors kontinwu ta' ħaddiema, hemm il-ħsejjes kontinwi inseparabili minn xogħol simili, tant illi waqt l-istess aċċess l-uffiċjali tal-Qorti ħassew il-bżonn illi jsikktu lill-ħaddiema sabiex il-Qorti tista' tiddiżimpenja l-funzjonijiet tagħha; il-bitħa ta' dan il-flat partikulari hija *aċċessibili* minn ambjenti oħra li għadhom m'humiex kompletati; hemm anki l-possibilità tal-perikolu msemmi mill-perit Pitrè fix-xhieda tiegħu; il-bieb prinċipali tal-"block" ta' l-appartamenti għadu fi stat rudimentali bla qofol; l-aċċess *mit-triq huwa aċċidentat u mimli ġebel*; il-lokalità ċirkostanti hija diżabitata, jekk wieħed ma jqisx il-kwartier militari li hemm fil-viċin;

Illi, kif ġie osservat fil-kawża "Sant utrinque" deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju 1879, id-dritt mogħti lir-raġel fl-art. 54 (allura 53) illi jiddestina lill-martu l-lok ta' l-abitazzjoni bħala kondizzjoni għall-alimenti provviżorji b'deferenza għall-awtorità maritali, ma għandux jiġi estiż b'mod illi tiġi b'daqshekk imposta lill-mara sofferenza morali f'mument li hija tkun priva mill-assistenza u l-konsorzju ta' żewġha;

Illi l-Imħallef sedenti ma jiddubitax illi, almenu "rebus sic stantibus", u sakemm il-fabbrika f'dik il-lokalità ma tkunx aktar progredita, kieku kellha tiġi osservata l-kondizzjoni imposta mill-konvenut, l-attriċi tiġi assoġġettata għal sofferenza morali, jekk mhux anki fiżika. Attwalment hija tinsab flimkien mat-tarbija komuni ta' sitt xhur mal-ġenituri tagħha, u għandha almenu l-kumpannja tagħhom;

Diversa tkun il-kondizzjoni tagħha, u ta' aggravju għaliha, kieku hija, li għandha 25 sena, tmur toqgħod mat-tarbija komuni, waħedha f'dak l-appartament fiċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, fejn ċertament la tista' tħossha fiżikament komoda, u lanqas sigura mill-molestji ta' ħadd ieħor, apparti s-sens morali ta' iżolament. Anki l-istess konvenut, sakemm iċ-ċirkustanzi jibqgħu kif inhuma, imissu jħossu aktar soddisfatt illi l-mara tiegħu tkun fid-dar tal-ġenituri tagħha milli fil-flat in kwistjoni fiċ-ċirkustanzi fuq rilevati. Ir-raġuni li hu semma (jiġifieri biex il-post ma jiġix rekwiżizzjonat) ma tneħħix ir-raġjonevolezza ta' l-oppożizzjoni ta' l-attriċi. Anki jekk huwa jispera f'rikonċiljazzjoni, hemm aktar probabilità li din issir jekk issentimenti ta' l-attriċi ma jiġux eżaċerbati b'residenza f'post għal issa mhux adattat;

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni domanda dwar dawn l-alimenti provviżorji, l-attriċi qiegħda titlob li l-pensjoni alimentarja tkun dekorribili mid-data li l-konvenut mar joqgħod fil-post il-ġdid. Ġie però deċiż minn din il-Qorti fil-kawża "Muscat utrinque", 24 ta' Frar, 1863, sedenti l-Imħallef Dr. Conti, illi l-alimenti provviżorji ma humiex retroattivi; u din il-Qorti taqbel ma' din l-opinjoni;

Ikkunsidrat fuq il-kwantitativ ta' l-alimenti;

Illi rriżulta mill-provi illi l-konvenut għandu salarju......;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tipprovvedi fuq it-tieni domanda b'dan il-mod;

Tiddikjara illi fiċ-ċirkustanzi attwali, u salva deċiżjoni diversa *meta ċ-ċirkustanzi* jitbiddlu, il-kondizzjoni tar-residenza *fil-post fuq imsemmi* mposta mill-konvenut mhix attendibili;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, għaliha u għat-tarbija komuni, b'titolu ta' alimenti provviżorji, antiċipatament, is-somma ta' £1. 8. 6 fil-ġimgħa, titħallas settimanalment fid-domiċilju tagħha...........;

Kwantu għall-ispejjeż, peress illi l-kondizzjoni mposta mill-konvenut ġiet ġudikata inattendibili, u peress illi ma hux spedjenti li jitnaqqsu l-alimenti ta' l-attriċi b'inċidenza ta' spejjeż, li f'dan il-każ, trattandosi ta' domanda fiċ-ċitazzjoni, hemm bżonn li jiġu provvduti definitivament;

Tordna li l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jitħallsu mill-konvenut.